Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

ID-DISA' LEĠISLATURA

22 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.18 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Simona Refalo - Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Josef Charles Hili - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

Jeanelle Attard – Kunsilliera

George Zammit - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Michelle Sciberras - Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 12.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

12.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ittieħdu bħal moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispettivament.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku Simona Refalo ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill t-talba għall-ħlas tal-ħsarat li ġġarbu meta waqa' u tkisser il-presepju li kien armat ħdejn iz-zuntier fi Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabeli li għandu jħallas dawn il-ħsarat skond il-kwotazzjoni miġbura. Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi qal li l-Kunsill għandu jiċċekkja dwar l-Insurance li l-Kunsill għandu jekk tkoprix spejjeż bħal dawn.
- Is-Sindku staqsiet dwar it-tender jekk kienx hemm xi mistoqsijiet marbuta miegħu, li diġa kien diskuss f'laqgħat preċedenti. Is-Sa Refalo qalet li l-bowzer ser jinbidel, ser jaħdmu sistema ġdida li juru s-siegħat li jagħmlu, intbgħatet il-lista tat-toroq kif ukoll ġie kkonfermat li l-Pjazza ser iduruwha ta' kuljum. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jinħareġ it-tender.
- Is-Sindku Simona Refalo nfurmat lill-Kunsill li għas-sejħa tal-pożizzjoni ta' Skala 11, applika wieħed biss. Skond il-kwalifiki li huwa għandu, din il-persuna tista tapplika għall-pożizzjoni fi skala 13. Is-Sindku staqsiet lill-kunsilliera jekk jaqblux li għandha tinbidel is-sejħa minn skala 11 għal dik ta' skala 13. Is-Sindku qalet li b'uffiċċjal skala 13 il-kunsill ikun jista jopera b'mod normali, u żiedet tgħid li jekk il-kunsilliera jaqblu, tinħareġ sejħa għal-uffiċjal skala 18 sabiex jieħu ħsieb ukoll ix-xogħol relatat mal-posta. Il-Kunsilliera qablu ma dan unanimament. Is-Sa Refalo qalet ukoll li għall-pożizzjoni l-oħra li kien hemm vakanti ta' skala 13 kienet intgħażel is-Sa Thea Borg.
- Is-Sindku għarfet lill-Kunsill li fil-preżent għaddejjien bl-aħħar xogħolijiet tal-Audits, hekk kif ikun lest, ser jiġi l-Accountant biex ifisser u jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-Kunsill. Is-Sindku qalet ukoll li x-xogħol marbut mal-2024 intbgħat lill-Accountant sabiex ikunu jistgħu jinħadmu u jingħalqu l-Accounts.
- Is-Sindku Simona Refalo, tkellmet ukoll dwar il-proġett fiż-żona ta' Ġokk fejn il-Perit Micallef għaddej b'diskussjonijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel li għandhom jimxu l-affarijiet kif pjanati sabiex ma jintilifx żmien fuq il-proċess tal-proġett.
- Rigward il-proġett tal-Learning Hub, is-Sindku qalet li l-Perit Shawn Micallef qed jaħdem l-affarijiet li fadal sabiex ikunu jistgħu jinħarġu t-tenders meħtieġa.
- Dwar il-Proġett ta' Ġnien Blankas, is-Sindku qalet li l-perit qed jaħdem fuq il-BOQ's u li qiegħed f'kuntatt kontinwu mal-Inġinier. Is-Sindku qalet li peress li l-fondi marbuta miegħu mill-fondi tal-LESA jkopru biss parti minnu, il-Kunsill qed jipprova li l-bqiha tal-fondi jiġu mill-fond tad-DPF.
- Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li għal dis-sena, ir-Reġjun Għawdex qed itella' l-inizjattiva tar-Reġjun t'Għawdex bħala reġjun tal-Kultura. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Ix-Xewkija ser ikun qed jieħu ħsieb jikkolabora f'dawn l-inizzjattivi. Is-Sindku qalet li l-ewwel attivita marbuta ma dan ser issir is-Sibt 1 ta' Frar 2024 u ser tkun tikkonsisti f'sessjoni ta' tagħlim tal-pittura tal-iskultura tal-Knisja mill-artist Mario Cassar. Għal din l-attivita ser isir Risk Assessment, imbgħad wara dawn il-pitturi ser ikunu esebiti għall-

pubbliku ġenerali. Kull xahar ser issir attivita marbuta mal-kultura, li ser ikunu ffinanzjati mir-Reġjun Għawdex.

- Is-Sindku Refalo, rreferiet ukoll għall-Bye-Law, fejn infurmat lil dawk preżenti li hija fformulata lesta. Il-Kunsillier Josef Hili staqsa dwar l-NGO'S meta jiġu bżonn li jagħmlu użu minn Ġnien pubbliku fix-Xewkija jekk humiex obbligati li jħallsu wkoll skond il-Bye-Law. Is-Sindku wieġbet li l-ammont mitlub għandu jkun dejjem fuq deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi qabel li għandha tkun deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-ammont ta' ħlas mitlub, peress li mhux l-attivitajiet kollha jaqgħu taħt l-istess kategorija. Is-Sindku semmiet li diġa hemm xi individwi li jixtiequ jibbukkjaw il-post għal tieġ. Hi saqsiet lill-kunsilliera preżenti biex jiddiskutu flimkien dwar l-ammont ta' ħlas li ser ikun mitlub mill-Kunsill. Is-Sur Hili qal li bħal ma rrefera għall-NGO's Xewkin, l-istess mod għandu japplika għar-residenti Xewkin meta dawn jitolbu għall-użu ta' Ġnien Pubbliku u għalhekk l-Kunsill għandu jżomm f'moħħu dan meta jiġu biex jiddiskutu fuq prezz mitlub. Tqajjmet diskussjoni wkoll dwar l-ftehim marbut mal-indafa tal-post wara li jkun intuża. Il-Kunsill issuġġerixxa li jkun l-applikant li jieħu ħsieb li jnaddaf, u dan għandu jħallas depożitu marbut mal-indafa u ż-żamma tal-post biex f'każ li ma jnaddafx, jinżamm id-depożitu li huwa stess ikun ħallas.
- Is-Sindku Simona Refalo semmiet ukoll dwar il-ħsieb tal-One way ta' Triq l-Indipendenza. Is-Sindku qalet li r-rotta tal-linja ma tgħaddix minnha, u l-unika xarabanks li jidħlu huma tal-hop on/hop off, li l-Kunsill jista jiddeċiedi li jwaqqaf milli jkomplu jidħlu min hemm. Tqajjmet diskussjoni dwar ir-rottot tax-xarabanks, fejn ġie maqblu li x-xarabanks jitilgħu minn Triq l-Inidipendenza u joħorġu minn Triq San Bert.
- Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-kwistjoni li hemm fi Triq l-Indipendenza minħabba l-mera tat-traffiku, li s-Sa Carmen Mifsud talbet biex terġa ssir, wara li din il-mera kienet saret u nqalet minn xi individwu. Il-Kunsillier Hili semma li jekk hemm il-ħsieb li Triq l-Indipendenza tiġi One way, il-bżonn li teħel mera jaf jinbidel. Is-Sindku qalet lill-kunsilliera li ser tintbgħatilhom pjanta bl-opzjonijiet tal-One Ways li qed jiġu ssuġeruti. Il-Kunsillier Josef Hili talab biex terġa teħel it-tabella tan-No Parking mac-central strip tal-Pjazza peress li l-karozzi reġgħu qed jipparkjawhom hemm.
- Is-Sindku nfurmat ukoll lill-membri preżenti li dakinhar stess ser ikollha laqgħa mas-surveyer dwar il-culverts tal-ilma ħdejn tal-Ġibjun fi Triq il-Kbira minħabba l-problema tal-ilma li qed ikun hemm fit-triq. Il-kunsillier Josef Hili semma wkoll li ftit taż-żmien ilu kien deher fuq xi gazzetti lokali li t-tender għal Triq il-Ħelsien kien ingħalaq. Is-Sindku qalet li bħala Kunsill kien bgħat imejl sabiex jara ftit dwar l-istat tal-proċess tat-Triq Ħelsien pero kienu għadhom ma rċivew xejn. Il-Viċi Sindku qal li biex isiru l-culverts fi Triq il-Kbira trid terġa titqatta t-triq u qal li ma jiftakarx li meta kienet ser issir it-triq kienu ngabru kwotazzjoni biex isiru water culverts. Il-viċi Sindku sostna li għandu jitnaddaf il-ġibjun biex ikun jista jilqa ġo fih aktar ilma. Il-Kunsillier Hili ssuġġerixxa wkoll li jonqos l-ammont ta' dawl li hemm fuq il-ġibjun, is-Sindku wieġbet li ser tara jistax isir dan skond it-tender u l-kuntratt li kien iffirmat. Dwar il-water culverts ser jerġa jiġi diskuss fil -ġejjien.
- Is-Sindku nfurmat lill-membri preżenti li mill-fondi għall-Kunsilli tnaqqasu l-ammonti marbuta mal-ġbir tal-iskart, peress li dan issa għadda f'idejn ir-Reġjun.

**12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

SR A

## 12.5 Karnival 2025

- Dwar il-karnival is-Sindku qalet li l-Karnival fix-Xewkija huwa kkonfermat li ser isir nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu 2025 u li għalih il-Kunsill ser jibbenefika mill-fondi maħruġa mid-Dipartiment. Is-Sindku ssuġġeriet sabiex isir sessjoni minn uffiċjali bil-klieb biex itellgħu xow għat-tfal waqt l-attivita tal-Karnival. Bħala preżentatur is-Sindku ssuġġeriet lid-Dulli u Veronica. Is-Sindku semmiet ukoll l-idea li jkun hemm xi bouncing castles u anke xi characters. Is-Sur Hili qal li bil-bouncing castles tinħoloq problema għall-karrijiet u l-Maskli Grotteski għax ma jkunx hemm wisa minn fejn jgħaddu. Ġie diskuss bejn il-membri preżenti dwar il-prezz li ser ikun mitlub lill-parteċipanti. Il-Viċi Sindku s-Sur Azzopardi qal li s-soltu l-Kunsill kien jagħti prezz lill-parteċipanti. Għalhekk il-Kunsill ser jimxi mal-budget u jibgħat lil dawk li talbu biex jipparteċipaw, bil-prezz tas-soltu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semmiet ukoll li l-Banda Prekursur ser tagħti servizz mużikali bħas-soltu waqt il-Karnival. Il-Viċi Sindku qal li għandu jsir programm bil-ħinijiet sabiex jitfassal programm bil-kumpaniji wara xulxin u kompla jgħid li l-karnival m'għandux idum wisq aktar tard minn wara Nofsinhar, għax in-nies jitilqu. Is-Sindku semmiet ukoll jekk jaqblux li ssir Kompetizzjoni tal-isbaħ kostum. Il-Kunsill qabel ma dan.

## Retention Policy

- Is-Sindku Simona Refalo preżentat fuq il-mejda tal-Kunsill Retention Policy maħruġa mid-Dipartiment dwar id-dokumenti li jinżammu fl-uffiċċju tal-Kunsill. F'din ir-Retention Policy hemm lista li tindika id-dokumenti kemm għandhom idumu miġbura qabel ikunu jistgħu jiġu mneħħiha. Il-Kunsill approva din il-policy unanimament.

## 12.11 Korrispondenza u Ilmenti

| | |
|---|---|
| 23/12/2024 | Inizjattiva Milied Solidali 2024 mill-Kunsill Reġjonali Għawdex - Ħin tat-tqassim tal-Ik |
| 23/12/2024 | Office of the Ombudsman - Newsletter - December 2024 |
| 23/12/2024 | GPP Quarterly Report 4 |
| 23/12/2024 | Vacancy for a Full Time Executive Officer (Scale 13) within the Fgura Local Council |
| 23/12/2024 | Vacancy with Xaghra Local Council - Full time Assistant Principal |
| 23/12/2024 | Cir AKL 2024/091_Formola għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-armi tan-nar |
| 24/12/2024 | MCVS News Alert |
| 24/12/2024 | Working Hours during the Christmas Period 2024 |
| 24/12/2024 | Skeda ta' Pagamenti - Laqgha 137 |
| 26/12/2024 | Master of Arts in Ageing & Dementia Studies (Online) commencing in February 2025 |
| 27/12/2024 | URĠENTI!! - Infomazzjoni dwar Riżorsi Umani |
| 27/12/2024 | L-Għid f'Għawdex 2025 / Easter in Gozo 2025 - Skadenza fi Żmien Ħmistax / Fifteen D Deadline |
| 27/12/2024 | Workplace trends 2025: Empathy, flexibility, and wellbeing take centre stage |
| 28/12/2024 | Opening Event Proposal |
| 29/12/2024 | Għoti tad-demm f'Għawdex tul Jannar 2025 |

SR

| | |
|---|---|
| 30/12/2024 | December Sick Leave Return |
| 31/12/2024 | MCVS News Alert |
| 02/01/2025 | Glass Collection notice |
| 02/01/2025 | SPI/SCI/1/2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2025/2026 |
| 03/01/2025 | Events JP2 Foundation |
| 03/01/2025 | Cir AKL 2024/085_Invitation to SportMalta Conference |
| 03/01/2025 | L-Għid f'Għawdex 2025 / Easter in Gozo 2025 - L-Aħħar Tfakkira / Last Reminder |
| 03/01/2025 | Għoti tad-Demm f'Għawdex – It-Tlieta 7 ta' Jannar |
| 04/01/2025 | LOOKING FOR FOR LEAD APPLICANTS FOR OUR KA210 and KA220 ERASMUS PROJE( |
| 05/01/2025 | Għoti tad-Demm f'Għawdex – It-Tlieta 21 ta' Jannar |
| 05/01/2025 | Għoti tad-Demm f'Għawdex – Il-Ħadd 26 ta' Jannar |
| 06/01/2025 | Żarmar tal-Presepju - Milied 2024 |
| 06/01/2025 | Konferma tad-Dettalji tal-Attività tal-Karnival |
| 07/01/2025 | Interreg NEXT MED Programme 2021-2027 \| Second call for project proposals |
| 07/01/2025 | Dear Evan Hansen at the Manoel |
| 08/01/2025 | Suppliers Statements |
| 08/01/2025 | HR Quality Mark - 8th Intake |
| 08/01/2025 | Invitation to Become a Member of the International Zero-waste City Network |
| 08/01/2025 | New year, new ideas: Explore the Latest in Science in the City |
| 08/01/2025 | MCVS News Alert |
| 08/01/2025 | Capacity building for Adult Education Institutions involving learners in the programm |
| 08/01/2025 | FSW Weekly Digest Issue 409 |
| 08/01/2025 | Payscales 2025 |
| 08/01/2025 | Sejħa għal Impjieg – Skrivan/a Skala 15 (Full-Time) |
| 09/01/2025 | SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja - Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati |
| 09/01/2025 | Allokazzjoni Finanzjarja 2025 - L-ewwel Tranche |
| 10/01/2025 | Urgent reminder: Requesting First, Second and Third Quarter Financial Statements 2 |
| 10/01/2025 | Conference Folders |
| 10/01/2025 | MaYA's Organised Youth Delegation Shines on the Global Stage: Showcasing Nationa and Innovation |
| 11/01/2025 | Unique Insect: Interview with Arnold Grech |
| 12/01/2025 | URGENT : LOOKING FOR FOR LEAD APPLICANTS FOR OUR KA210 and KA220 ERASN JECTS |
| 12/01/2025 | COOPERATION FOR ERASMUS MARCH CALL FOR PROPOSAL 2) LOOKING FOR EU PR( WRITERS |
| 13/01/2025 | Project Management Masterclass with Laura Belgrado |
| 13/01/2025 | Employment Law Seminar: An Insight into Trending Topics |
| 13/01/2025 | VO Information and Events |
| 13/01/2025 | UPDATE Boost Scheme, It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda |
| 14/01/2025 | PQ 24381- Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Xiri ta' karozzi ġod Nefqa |
| 14/01/2025 | Gentle Reminder -Cat Feeders Register |
| 14/01/2025 | Innota d-data - Il-Konferenza tal-NCPE għall-Jum Internazzjonali tal-Mara 2025 |
| 14/01/2025 | Laqgħa tar-Reġjun Numru 138 |
| 15/01/2025 | FSW Weekly Digest Issue 410 |
| 15/01/2025 | Rossini Week at the Manoel |
| 15/01/2025 | Sticky Notes |

SRD

| | |
|---|---|
| 15/01/2025 | MCVS News Alert |
| 15/01/2025 | Warm New Year Wishes and Invitation to Collaborate on STEM4TECH |
| 15/01/2025 | VentureMax CEO calls for ethical hiring practices to support foreign workers in malta |
| 15/01/2025 | Emergency Conservation Order for British Barracks at Fort Chambray |
| 15/01/2025 | January issue of "The Maltese Presence in North America" |
| 16/01/2025 | Water Suspension Notification |
| 16/01/2025 | REMINDER - Case 2/2025 - Accounts Held with Banks |
| 16/01/2025 | Level 5 Award in Leader as a Coach |
| 16/01/2025 | Seminar: Sostenn lill-Familjari fit-Trobbija tal-Ulied b'Diżabilità' |
| 16/01/2025 | AgriFusion Questionnaire - helping the agricultural sector in Malta |
| 17/01/2025 | Save-the-date: Capacity building: the key to good regional and local governance Proj Conference; funded through the EEA/Norway Funds - 30th January 2025 |
| 17/01/2025 | Cir AKL 2025/007_Award in English Writing and Reading for Business Management - hort |
| 17/01/2025 | Region of Culture Gozo 2025 |
| 18/01/2025 | SPI/SCI/08/2024 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025 |
| 20/01/2025 | Cir AKL 2025/004_Increasing Digitalisation Awareness & Readiness of Maltese Comm Online Training |
| 20/01/2025 | MCVS - NGO Co-Financing Fund Information Meetings |
| 20/01/2025 | Data Collection |
| 20/01/2025 | Ġbir ta' Informazzjoni rigward Binjiet - Sottomissjoni ta' Informazzjoni Pendenti |
| 20/01/2025 | Skeda ta' Pagamenti. |
| 21/01/2025 | HR Competencies - Online Courses |
| 21/01/2025 | Cir AKL 2025/005_Introduction to Basic IT Software for CIES Employees |
| 21/01/2025 | European Charlemagne Youth Prize - applications are now open |
| 21/01/2025 | REMINDER: Save the date \| Concept to Collaboration: Starting strong with Key Actio |
| 21/01/2025 | VO Information and Events |
| 21/01/2025 | Project Management Masterclass [Certified 1-day training] |
| 21/01/2025 | Information Session-European Cooperation Projects |
| 21/01/2025 | Abbona ISSA fir-Rivista Il-Ħajja f'Għawdex għas-sena 2025 |
| 21/01/2025 | YMCA Malta Needs Support Programme |
| 21/01/2025 | PQ 23595-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Credit/Debit cards |
| 21/01/2025 | GAG4/2024/005 - Rejection Letter |

Ilmenti / Suġġerimenti / Rapporti

17/12/2024 Talba mis-Sur Robert Camilleri sabiex jitwal id-Double Yellow Line fi Triq ta' Ħraba faċċata tal-blokka Kraba Court. Is-Sur Camilleri talab ukoll sabiex tiġi nstallata mera fl-istess post tad-Double Yellow Line.

20/12/2024 Talba mis-Sa Rose Buttigieg sabiex isir One metre double yellow line mal-ġnub tal-garage tagħha fi Triq il-Mitħna.

30/12/2024 Ilment mingħand resident fi Triq is-27 ta' Novembru 1678, dwar qtar tal-likwidu li qed iħalli t-trakk tal-ġbir tal-iskart meta jinġabar l-iskart, b'mod speċjali l-iskart organiku.

31/12/2024 Ilment mingħand residenti fit-toroq Dun Grezz Farrugia kif ukoll Triq ta' Kraba, dwar ħmieġ li hemm fit-triq.

02/01/2025 Talba mis-Sur Anthony Spiteri biex isir patching fi Triq San Pupulju. Is-Sur Spiteri talab ukoll sabiex isir xi ħaġa minħabba sewqan b'mod eċċessiv li qed ikun hemm fi Triq il-Knisja.

02/01/2025 Talba mis-Sur Teddy Spiteri biex jittranġaw iz-zebra crossing lights li hemm fi Triq il-Ħamrija maz-zebra crossing tal-iskola, peress li ntalqtet minn vettura u tkissret.

03/01/2025 Talba mis-Sa Jane Marshall sabiex ikun hawn mezz biex jarmu l-iskart li ma jkunx fl-iskeda.

04/01/2025 Talba minn dawk li jarmaw fil-monti tax-Xewkija biex jekk possibli Triq Widnet il-Baħar tingħalaq b'mod aktar sigur waqt li jkun hemm il-monti biex jiġu evitati xi inċidenti. Minkejja li qed ikun hemm il-barriers, mhux l-ewwel darba li xi vetturi jippruvaw jidħlu fit-triq xorta waħda.

08/01/2025 Talba mis-Sa Taryn Bajada biex jiġi nstallat Dog Bin fi Triq Ċanga.

09/01/2025 Talba mir-residenti ta' Triq San Publiju sabiex isir il-patching tat-triq.

10/01/2025 Ilment dwar diversi residenti li qed ipoġġu oġġetti quddiem ir-residenza tagħhom sabiex ħadd ma jipparkja quddiemhom biex ikunu jistgħu jipparkjaw huma biss. Dan l-ilment qed jirreferi b'mod speċjali għat-toroq taż-żona Ta' Ġokk u anke madwar il-lokalita tax-Xewkija.

10/01/2025 Residenta mix-Xewkija talbet biex jerġgħu jiġu nstallati l-Bring in Sites fi Triq tal-Loġġa.

10/01/2025 Ilment mingħand resident li Triq tal-Ħamrija qed tingħalaq kmieni ħafna minħabba l-iskola u mhux fit-8:00am kif hemm indikat fuq it-tabella fl-istess triq.

10/01/2025 Diversi ilmenti dwar bżonn tal-qtugħ tal-hedges madwar ix-Xewkija.

14/01/2025 Ilment dwar tappiera li niżlet ħdejn ir-roundabout tal-Ħniena fi Triq l-Imġarr. Il-ment ieħor huwa dwar il-brics minn l-istess roundabout li qed jinqala u jitkisser.

15/01/2025 Ilment dwar gandott tas-servizzi ħdejn il-Mariblu, dan kien tqatta biex saru xi servizzi mill-privat, pero għadu ma ingħatax it-tarmac u qiegħed imħarbat.

15/01/2025 Ilment mingħand is-Sa Carmen Mifsud fejn qalet permezz ta' imejl li l-mera li kienet twaħħlitilha quddiem ir-residenza tagħha fi Triq l-Indipendenza, kienet inqalet minn xi individwi. Hi kienet reġgħet talbet biex terġa teħel, u skond s-Sa Mifsud TM kienu qalula li ser terġa teħel. Il-mera kienet twaħħlet f'Ġunju l-ewwel darba u sal-llum ma reġgħetx twaħħlet.

16/01/2025 Ilmenti mingħand residenti dwar l-fatt li tneħħew il-Bring In Sites minn Triq tal-Loġġa.

16/01/2025 Rapport li l-mera li kienet tinsab fi Triq tal-Baqqari, int u ħiereġ minn Triq tas-Salib, m'għadhiex hemm.

17/01/2025 Talba mis-Sa Grace Haber sabiex isirilha ftit cement taħt il-bankina tagħha fi Triq il-Kav. Lor. Zammit Haber.

17/01/2025 Talba mis-Sur Keith Aguis, sabiex it-trejqa/sqaq li tinsab fi Triq Ħraba titqaxxar u terġa tingħata wiċċ ġdid.

## 12.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti

12.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 12.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

12.12.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata. Id-data tal-laqgħa li jmiss ser tiġi mifthemha l-quddiem.

Simona Refalo

Sindku

Michelle Sciberras

Aġent Segretarju Eżekuttiv